**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 202**
**L-Erbgħa, 31 ta' Jannar, 2024 fl-4:00 p.m.**

**ESPERTI TAL-QORTI – TALBIET GĦAL-ĦLAS**

**13314. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet pendenti għal-pagamenti għall-ħlas lill-esperti tal-qorti fil-preżent u minn meta ilhom dovuti?

08/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm hemm talbiet pendenti għall-pagamenti għall-ħlas lill-esperti tal-Qorti fil-preżent sal-25 ta' Jannar 2024.

Seduta 202
31/01/2024

**PERSUNI LI WEĦLU L-ĦABS FUQ NUQQAS TA' ĦLAS TAL-MANTENIMENT**

**13328. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11371 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid kemm-il persuna weħlet il-ħabs mis-sena 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari għax ma żammitx mal-obbligazzjonijiet tagħha li tħallas il-manteniment?

09/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 8414 u 9713.

Seduta 202
31/01/2024

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - MEMBRI**

**13357. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il membru tal-Korp tal-Pulizija mar jaħdem mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fl-aħħar 4 xhur?

10/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li ma kienx hemm trasferimenti bejn il-Korp tal-Pulizija u d-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Kull persuna kella ċ-ċans li tapplika għal sejħa pubblika tal-Protezzjoni Ċivili fis-sena 2022.

Seduta 202
31/01/2024

**MATTHEW MICALLEF ST. JOHN ATHLETICS STADIUM - DAWL**

**13391. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn il-kumpless Matthew Micallef St. John Athletics Stadium fil-Marsa ilu ġimgħat sħaħ ikun dlam ċappa filgħaxijiet bil-konsegwenza li atleti Maltin ikollhom jitħarrġu fid-dlam?

13/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Matthew Micallef St John Athletics Stadium fil-Marsa huwa amministrat mill-assoċjazzjoni. Madankollu SportMalta qed tassisti lill-assoċjazzjoni mal-awtoritajiet ikkonċernati sabiex din il-problema ma terġax isseħħ.

Seduta 202
31/01/2024

**IL-MOSTA – MONUMENT IDDEDIKAT LILL-MISSJUNARJI MALTIN**

**13442. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-monument iddedikat lill-Missjunarji Maltin u li jinsab fir-roundabout f'salib it-toroq, bejn it-toroq: Triq il-Kostituzzjoni, Vjal Millbrae, Triq id-Difiża Ċivili u Triq il-Missjunarji Maltin, hux ser jibqa' ewlieni u f'postu u jekk ser jiċċaqlaq, xi proposta hemm floku? Jista' jgħid ukoll jekk hijiex l-istess proposta li ma ntlagħqetx u ġiet irtirata fl-2021 mill-Ministru predeċessur kif ukoll mis-CEO tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Mosta kienx ikkonsultat b'din l-proposta?

14/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol li sar fid-daħla tal-Mosta, u li sar b'investiment ta' iżjed minn €1.5m, jinkludi s-segregazzjoni tat-traffiku, belisha crossings, dawl tat-toroq u sinjali tat-toroq ġodda għal iktar sigurta' fit-toroq. Għaddejjin diskussjonijiet mal-kunsill rispettiv biex dan ix-xogħol jiġi kkumplimentat b'landscaping plan u anke tqegħid ta' monumenti li jixirqu, dan skont permessi relatati u anke deċiżjonijiet li diġa ttieħdu mill-kunsill lokali rispettiv.

Seduta 202
31/01/2024

**KAROZZI TAL-LINJA - NUMRU MASSIMU TA' PASSIĠĠIERI**

**13443. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru massimu ta' passiġġieri li tista' tgħabbi karozza tal-linja?

14/11/2023

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru massimu ta' passiġġiera li karozza tal-linja tista' tgħabbi jiddependi fuq il-mudell u l-kobor tal-vettura. Dan in-numru jkun indikat fuq id-dokument "*Certificate of Conformity*" hekk kif maħruġ mill-manifattur. In- numru ta' passiġġieri li jistgħu jitgħabbew minn vetturi li bħalissa qegħdin jintużaw mis-servizz tat-trasport pubbliku huwa hekk kif isegwi:

- Vetturi ta' tnax il-metru, medja ta' tmienja u sittin passiġġier,
- Vetturi ta' disa' metri, medja ta' sitta u ħamsin passiġġier, u
- Minibuses, medja ta' erba' u għoxrin passiġġier.

Seduta 202
31/01/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - RAPPORTI**

**14185. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' vjolenza domestika mill-2018 sal-aħħar tas-sena 2023, maqsuma sena b'sena u skont il-ġeneru?

11/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba hija skond it-tabella annessa.

| Year | Numru ta' Rapporti | | Total ta' Vittmi femminili | Total ta' vittmi maskili | Total kollu ta' Vittmi |
|---|---|---|---|---|---|
| 2018 | 1341 | | 1182 | 364 | 1546 |
| 2019 | 1325 | | 1128 | 404 | 1532 |
| 2020 | 1645 | | 1373 | 467 | 1840 |
| 2021 | 1741 | | 1414 | 518 | 1932 |
| 2022 | 1828 | | 1452 | 578 | 2030 |
| 2023 | 2071 | | 1640 | 604 | 2244 |

Seduta 202
31/01/2024

**GREVIO - RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**14186. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tar-Rapport Annwali 2022 tal-Kummissarju kontra l-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika, fejn f'paġna 26 jagħmel referenza għat-13-il rakkomandazzjoni tal-GREVIO, jista' l-Ministru jgħid liema huma l-11-il rakkomandazzjonijiet li ġew imwettqa u liema huma t-tnejn 'in-process' u l-waħda 'pending'? Jista' jgħid ukoll x'inhi d-differenza bejn 'in process' u 'pending'?

11/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li qiegħed inressaq l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**KUMMISSARJI KONTRA L-VJOLENZA ABBAŻI TAL-ĠENERU U VJOLENZA DOMESTIKA**

**14187. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il Kummissarju kontra l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika kien hawn minn Jannar 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, min kienu u x'kienet id-data ta' meta bdew u temmew it-terminu tagħhom? Jista' jgħid ukoll jekk irriżenjawx qabel jew temmew b'suċċess it-terminu tal-appointment tagħhom u x'kienu r-raġunijiet ta' dawk li rriżenjaw?

11/12/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi tul l-aħħar snin il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika kompliet tissaħħaħ biex tilħaq aħjar l-għanijiet u l-funzjonijiet li għalihom hi stabbilita. Fis-sena 2018, it-tisħiħ tal-Kummissjoni sar ukoll fil-parametri tal-Konvenzzjoni t'Istanbul, li segwiet biex fl-2020 l-istess Kummissjoni kellha wkoll l-ewwel Kummissarju jservi fuq bażi full-time. Għaldaqstant, il-Kummissarji li servew fil-perjodu msemmi huma kif jidher hawn taħt:

| Snin ta' Ħidma | Isem il-Kumissarju |
|---|---|
| 2013 -2016 | Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace - Chairwoman |
| 2016- 2018 | Mr. Joe Gerada |
| 2018-2020 | Ms. Simone Azzopardi |
| 2020-2023 | Ms. Audrey Friggieri |
| 2023 - | Ms. Samantha Pace Gasan |

Seduta 202
31/01/2024

**SANTA VENERA - KONSERVATORJU VINĊENZO BUGEJA**

**14225. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12717 u jgħid jekk il-Konservatorju Vinċenzo Bugeja f'Santa Venera hux ser jagħlaq il-bibien tiegħu fil-futur qarib? Jekk iva, x'ser isir mis-servizzi residenzjali li jospitaw u jassistu adolexxenti vulnerabbli u fejn ser imorru dawn ir-residenti? Jista' jgħid ukoll xi pjanijiet hemm għal din il-binja?

12/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 12547. Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, l-binja ma taqax taħt ir-responsabiltà tal-Ministeru tiegħi.

Seduta 202
31/01/2024

**ADOZZJONIJIET MINN KOPPJI TAL-ISTESS SESS**

**14234. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13001 u jgħid kemm kien hemm koppji tal-istess sess li rnexxielhom jaddottaw minn mindu legalment dan sar possibbli u jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena u skont il-pajjiż li addottaw minnu?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, b'kollox kien hemm **6 koppji** tal-istess sess li addottaw mill-Portugal.

- Koppja addottat 2 subien fl-2018;
- Koppja addottat tifel u tifla fl-2018;
- Koppja addottat tifel fl-2019 u tifel fl-2022;
- Koppja addottat tifel fl-2020;
- Koppja addottat tifel fl-2022 u tifel fl-2023; u
- Koppja addottat tifel fl-2023.

Seduta 202
31/01/2024

**ADOZZJONIJIET**

**14235. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13002 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4587 u 4588, fejn jingħad li bejn l-2019 u Frar tal-2023 kien hemm 13-il adozzjoni ffaċilitati mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) u 115-il adozzjoni ffaċilitati mill-aġenziji privati, jista' l-Ministru jgħid għalfejn ir-rata ta' konklużjonijiet b'suċċess tal-aġenziji privati hija ħafna aktar għolja?

14/12/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta, li fil-perjodu msemmi kien hemm **tlett (3) aġenziji privati** minbarra Aġenzija tal-Gvern li jipprovdu s-servizz tal-adozzjoni. Dan ifisser li kull min jixtieq jaddotta huwa liberu li jagħżel hu ma' liema Aġenzija jixtieq li jaħdem.

Ta' min jinnota wkoll, li minbarra t-taħriġ dettaljat u intensiv li jsir biex persuna / persuni jkunu jistgħu jidhru quddiem l-Adoptions Board sabiex ikunu approvati bħala Ġenituri Addottivi Prospettivi (Prospective Adoptive Parents – PAPs), il-home study reports u il-post adoption reports, is-servizz tal-adozzjonijiet fi ħdan l-FSWS jagħmel ukoll xogħol importantissimu mal-familji wara li tkun konkluża addozzjoni. Dan is-servizz huwa dak

tal-**Post-Adoption Support** fejn diversi persuni li jkunu addottaw jirrikorru għand l-Aġenzija tal-Gvern sabiex jingħatalhom sapport wara l-adozzjoni ħalli jiġi assigurat li, kemm jista' jkun, ma jkunx hemm **placement breakdowns**.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14735. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14736. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14737. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allowances intitolati għal dawk l-impjegati li għandhom grad t'għalliem huma stipulati fil-ftehim kollettiv.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14738. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14739. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14740. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħallsitx l-allowances li kienet intitolata għalihom bħala parti mill-pakkett tagħha? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumentazzjoni relatata mad-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar il-ħlas ta' dawn l-allowances u l-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet u jagħti din l-informazzjoni maqsuma sena b'sena minn meta nbeda l-impjieg tal-persuna sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14737.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14851. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt.

| Isem u Kunjom | Grad | Dipartiment/Korporazzjoni Entita |
|---|---|---|
| Coleiro Preca Marie Louise | Principal | Arkivju Nazzjonali |

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14852. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu iservu, il-kariga li kienu jokkupaw, d-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien l-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma' kien hemm l-ebda Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess ta' minoranza jew maġġoranza, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14853. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk

hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14854. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni, minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 u li kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, li jaqghu taht id-dekasteru tieghi.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14855. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru tiegħi ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoniminn Marzu 2008 sa Jannar 2013 identifikati bħalaimpjegatifiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14856. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?
Jista' jqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

15/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 202
31/01/2024

**MARSALFORN – CABLES TAD-DAWL**

**14977. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għal-cables tad-dawl li baqgħu mwaħħlin mal-faċċati tad-djar u bini ieħor fil-waterfront ta' Marsalforn, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender ħarġitx biex jitgħaddew minn ġo culvert taħt l-art li kien sar meta sar il-promenade ta' Marsalforn u jekk iva, meta nħarġet is-sejħa u meta se jibdew ix-xogħlijiet?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ħarġet ebda sejħa għall-offerti f'dan is-sens.

Seduta 202
31/01/2024

**IR-RABAT, GĦAWDEX - AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – UFFIĊINI ĠODDA**

**14978. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinbnew uffiċini ġodda jew jittranġaw l-uffiċini tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien hemm fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri, ġewwa r-Rabat Għawdex, peress li sa ftit tas-snin ilu din il-binja kienet tintuża ta' kuljum mill-ħaddiema u mill-klijenti tal-Awtorità tal-Ippjanar u llum tinsab magħluqa u fi stat ta' abbandun?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-uffiċini fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri fir-Rabat Għawdex - li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet tagħmel użu minnhom sa ftit tas-snin ilu - ġew irritonati lura lill-Awtorità tal-Artijiet f'Awwissu 2022.

Seduta 202
31/01/2024

**GĦAWDEX – RABAT – TRIQ ĠUŻEPPI SPITERI**

**14979. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3809 li ngħatat fit 22 ta' Novembru 2022, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' esproprjazzjoni sabiex tinfetaħ it-triq li diġà hi schemed u li twassal għall-parking tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u dan qabel issir il-parti l-ġdida li diġà ġiet iffurmata, u liema triq, meta tinfetaħ, se tkun qed tagħti aċċess aħjar lir-residenti u lill-poplu inġenerali?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex għamel żewġ esproppjazzjonijet fi Triq Ġuzeppi Spiteri. B'dawn l-esprozzjanijiet ser jinfetaħ aċċess għall-parti ta' wara tal-isptar, hekk kif issir ir-relokazzjoni tal-kamra mortwarja tal-GGH peress li din l-schemed road tgħaddi minn go parti minnha.

Seduta 202
31/01/2024

**GĦAWDEX - SHEEP FARMS - APPLIKAZZJONIJIET**

**14980. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għal bini jew estensjoni ta' sheep farms jew inkella bdil ta' użu għal sheep farms ġewwa Għawdex bejn 1 ta' Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, kemm minnhom ġew rifjutati u kemm minnhom għadhom pendenti?

16/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru totali ta' applikazzjonijiet ppubblikati mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala kompluti bejn l-1 ta' Ġunju 2022 u s-17 ta' Jannar 2024, relatati ma' bini, estenzjonijiet u bdil fl-uzu għal irziezet tan-nagħaġ f'Għawdex jammontaw għal sittax. Minn dawn l-applikazzjonijiet, tnejn ġew approvati, filwaqt li erbatax għadhom pendenti. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema tal-informatika tal-istess Awtorità fejn id-deskrizzjoni tal-proposta tinkludi l-kliem "sheep" u "nagħaġ".

Seduta 202
31/01/2024

**GĦAWDEX – KWALITÀ TAL-ARJA**

**14981. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il post f'Għawdex hemm, fejn bħalissa qed jittieħdu kampjuni tal-arja biex tiġi studjata l-kwalità tal-arja? Tista' tgħid fl-aħħar sena u nofs kemm-il darba ttieħdu kampjuni tal-arja miċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex u b'mod partikolari minn Triq ir-Repubblika? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati ta' dawn il-kampjuni li ttieħdu?

16/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) timmaniġġja netwerk li jimmonitorja l-kwalità tal-arja f'Malta u Għawdex. F'Għawdex hemm ħdax-il lokalità li minnhom jittieħdu kampjuni tad-diossidu tan-nitroġenu (nitrogen dioxide) u l-benżin (benzene) kull erba' ġimgħat, kif ukoll hemm stazzjon ta' monitoraġġ kontinwu li hu lokalizzat fl-Għarb. Fir-Rabat, Għawdex hemm stazzjon ta' monitoraġġ fi Triq ir-Repubblika. Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bir-riżultati disponibbli għas-sena 2023.

Seduta 202
31/01/2024

**GĦAWDEX – PROĠETT TA' ECOPARK**

**14982. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti informazzjoni dwar il-proġett ta' Eco Park li kien imwiegħed li kellu jsir mill-Ministeru tagħha fl-area tal-Playing Field tal-Barmil fix-Xewkija, Għawdex? Tista' tgħid ukoll meta hu maħsub li jinbeda u jitlesta dan il-proġett?

16/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Project Green ressqet l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar li qed tikkonsulta m'entitajiet oħrajn biex ikun jista' jitwettaq il-proġett ġewwa Ġnien il-Kunsill, fix-Xewkija, Għawdex, li fih se jintużaw tekonoloġiji innovattivi li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli. Sadanittant, qed jitħejja l-abbozz tas-sejħa għall-offerti relatati max-xogħolijiet meħtieġa għal dan il-proġett, li qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu pubblikati malli jinħarġu l-permessi meħtieġa.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMA U L-UGWALJANZA – PERSUNI INGAĠĠATI**

**15023. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mal-Ministeru tiegħu, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u l-irwol li huma assenjati li joperaw fih?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni hi kif ġej:

OPS – 20
HR – 9
Registry – 1
IMU – 10
Finance – 8
SSD – 4
Procurement – 5
International Protection Appeals Tribunal – 4
Operations – 5
Migration – 6
Policy Development and Programme Implimentation – 20
Critical Infrastructure Protection Directorate – 4

Seduta 202
31/01/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI LI QED JISKONTAW SENTENZA TA' PRIĠUNERIJA**

**15024. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm li bħalissa tinsab qed tiskonta sentenza ta' priġunerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-ammont ta' persuni għand l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi huwa ta' 690. Infurmat li 387 persuna huma sentenzjati u 303 persuna taħt arrest.

Seduta 202
31/01/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PERSUNI MIŻMUMA SAKEMM JINSTEMGĦU L-PROĊEDURI QUDDIEM IL-QRATI**

**15025. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm li bħalissa qed tinżamm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sakemm qed jinstemgħu l-proċeduri quddiem il-Qrati?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Iterpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 15024.

Seduta 202
31/01/2024

**PROBATION U PAROLE**

**15026. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm fuq probation u fuq parole?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-Dipartiment tal-Probation u Parole kellu dawn:
399 persuna fuq Ordni tal-Probation;
37 persuna fuq Liċenzja tal-Parole; u
9 persuni li qed jigi kkumpilat Rapport tal-Parole

Seduta 202
31/01/2024

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – NAZZJONALITÀ TAL-PERSUNI MIŻMUMA**

**15027. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna qiegħda tinżamm fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u jipprovdi n-nazzjonalitajiet tal-persuni li qegħdin residenti hemm?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li sal-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hemm 692 persuna li qed tinżamm fil-Faċilita Korrettiva, 331 Maltin u 361 mhux Maltin li ġejjin minn dawn il-pajjiżi:

Afganistan, Albanija, Alġerija, Arġentina, Bangladesh, Belġju, Bosnia, Brażil, Renju Unit, Bulgarija, Burkina Faso, Kamerun, Chad, Ċina, Kolumbja, Kroazja, Repubblika Ċeka, Danimarka, Repubblika Domenikana, Ġermanja, Eġittu. Eritrea, Etjopja, Filippini, Franza, Gambja, Georgia, Ghana, Greċja, Guyana, Guinea-Bissau, Ungerija, Indja, Iran, Italja, Kosta tal-Ivorju, Liberja, Libja, Litwanja, Maċedonja, Moldova, Montenegro, Marokk, Nepal, Niġerja, Pakistan, Palestina, Panama, Peru, Polonja, Portugal, Rumanija, Serbja, Seychelles, Sierra Leone, Slovakkja, Somalja, Spanja, Sudan, Surinamese, Sirja, Togo, Tuneżija, Turkija, Uganda, Ukrajna, Użbekistan, Venezuela, Vietnam u Zimbabwe.

Seduta 202
31/01/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – SULDATI**

**15028. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' suldati mal-Forzi Armati ta' Malta huwa 1896. Fis-sena 2023 irtiraw jew telqu 65 Other ranks u 7 officers. Fis-sena 2023 issieħbu fil-FAM 138 persuna.

Seduta 202
31/01/2024

**DISPOSABLE INCOME**

**15144. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jikkonferma li d-disposable income naqas?

17/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ser jippublika dawn il-figuri f'Settembru 2024.

Seduta 202
31/01/2024

**L-GĦOLI TAL-ĦAJJA - STUDJI**

**15145. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru mill-Gvern fir-rigward tal-għoli tal-ħajja u kif dan jista' jitnaqqas?

17/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirefferi l-Onor. Interpellant għall-mistoqsija parlamentari 15139.

Seduta 202
31/01/2024

**L-GĦOLI TAL-ĦAJJA - STUDJI**

**15146. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li saru mill-Gvern fir-rigward tal-għoli tal-ħajja u kif dan jista' jitnaqqas?

17/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 202
31/01/2024

**LEISURE BOATS REĠISTRATI F' MALTA**

**15147. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn Leisure Boats reġistrati f'Malta?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f' Malta hawn reġistrati 21,356 Leisure Boats.

Seduta 202
31/01/2024

**MAŻŻRI DISPONIBBLI**

**15148. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm mażżri disponibbli?

17/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta ma għandha l-ebda mażżri disponibbli biex jiġu allokati. Il-mażżri li kienu disponibbli għall-Awtorità f'kull lokalita' huma kollha assenjati u allokati.
Inżid li mażżri jiġu disponibbli għand l-Awtorità f'każ ta' rinunzja, ksur ta' regolamenti jew minħabba xi illegalità mill-istess individwi li jkunu fil-pussess tal-mażżra.
Inoltre inżid li dawn l-istess mażżri li jiġu hekk disponibbli jerġgħu jiġu allokati skond il-lista ta' stennija ta' dik il-lokalita' u dan dejjem skond il-qisien tad-dgħajsa.

Seduta 202
31/01/2024

**PENSJONI TAT-TEŻOR**

**15149. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti d-data meta l-iskema li ġiet imwiegħda fil-Baġit relatata mal-inklużjoni tal-ħaddiema biex jieħdu l-pensjoni tat-teżor għandhom jingħataw lill-ħaddiema tal-kumpanija ex Gas Board, l-apprendisti tal-Malta Electricity Board li daħlu mal-Korporazzjoni Enemalta fl-1977?

17/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-iskema tal-eks-ħaddiema tal-Gas Board u l-apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dawn l-entitajiet spiċċaw u wara daħlu mal-korporazzjoni Enemalta kienet ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern datata 24 ta' Mejju 2019.

L-iskema ma kinetx tirreferi li dawn l-impjegati kienu se jitħallsu l-Pensjoni tas-Servizz imma għotja ta' darba.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15175. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li id-dettalji jinsabu fuq it-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15176. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| Entity | Full-Time | Part-Time | Flexi Time | Flexi Week | Reduced Hours | Extended Remote Working | Remote working |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Academy | 6 | 0 | 6 | 0 | 0 | 2 | 0 |
| AFM | 1687 | 209 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ARUC | 8 | 0 | 8 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Aviation Security | 7 | 0 | 6 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| AWAS | 221 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 5 |
| CPD | 343 | 0 | 15 | 0 | 0 | 3 | 7 |
| CSA | 471 | 2 | 6 | 0 | 4 | 0 | 0 |
| DS | 215 | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| Defence | 6 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 | 1 |
| CGBVDV | 5 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| HRD | 25 | 0 | 25 | 0 | 0 | 3 | 18 |
| Identita' | 365 | 59 | 55 | 9 | 14 | 1 | 0 |
| IPA | 25 | 0 | 9 | 0 | 1 | 0 | 0 |
| Komunita Malta | 29 | 0 | 28 | 0 | 2 | 4 | 0 |
| LESA | 168 | 19 | 0 | 0 | 2 | 0 | 4 |
| NCPE | 16 | 0 | 16 | 0 | 2 | 0 | 0 |
| P&P | 32 | 0 | 0 | 0 | 3 | 12 | 12 |
| Police | 2424 | 36 | 65 | 5 | 89 | 5 | 29 |
| Residency Malta | 48 | 0 | 49 | 0 | 1 | 0 | 21 |
| VSA | 17 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| MHSR - | 124 | 12 | 10 | 9 | 2 | 19 | 29 |

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15177. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

17/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni mitluba tinsab f'dawn it-tabelli.

| | |
|---|---|
| Uffiċjali Pubbliċi fil-Ministeru | |
| | |
| Full Time(jinkludu ukoll dawk li jaħdmu bir-reduced hours) | 53 |
| Part-Time | 0 |
| | |
| Flexitime | 4 |
| Flexiweek | |
| Reduced Hours | 6 |
| Extended Remote Working | 12 |
| Remote Working | 18 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Entitajiet/Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru | | | | | | |
| | | | | | | |
| | **CMD** | **ITS** | **MCC** | **MFC** | **MTA** | **TZRA** |
| Full Time(jinkludu ukoll dawk li jaħdmu bir-reduced hours) | 637 | 173 | 28 | 11 | 166 | 8 |
| Part-Time | 0 | 30 | 0 | 0 | 3 | 0 |
| | | | | | | |
| Flexitime | 1 | 61 | | | 169 | 7 |
| Flexiweek | | | | | | 1 |
| Reduced Hours | 1 | 1 | 1 | | 11 | |
| Extended Remote Working | 7 | | | | 29 | |
| Remote Working | 9 | 65 | 7 | | | |

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15178. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Tista' tgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Tista' tgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15179. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - SETTUR PUBBLIKU JEW SERVIZZ PUBBLIKU - ĦADDIEMA**

**15180. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu:

- Full time
- Part time?

Jista' jgħid kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:

- Flexi Time
- Flexi Week
- Reduced Hours
- Extended Remote Working
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

17/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTAR MATER DEI – DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA**

**15244. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li rrikorrew lejn id-Dipartiment tal-Emerġenza, xahar b'xahar, matul l-2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ġew riferuti mit-tobba minn kull ċentru tas-saħħa, mit-tobba fis-settur privat u kemm marru mingħajr referenza?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li minn informazzjoni miġbura permezz tas-sistema CPAS ta l-isptar Mater Dei, in-numru ta' attendenzi fid-Dipartiment tal-Emerġenza xahar b'xahar qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTARIJIET - LISTI TA' STENNIJA GĦALL-OUTPATIENTS**

**15245. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-waiting list bħalissa fl-Outpatients Department, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, għal kull speċjalizzazzjoni sew medika, kif ukoll kirurġika?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li mhemmx waiting lists bħalissa fl-Outpatients Department, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Wieħed għandu jkun mgħarraf li f'dawk il-każijiet li huma urġenti, il-pazjenti jaraw l-ispeċjalista mil-lum għal għada jew fl-ewwel out-patients clinic li jmiss.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTARIJIET - LISTI TA' STENNIJA**

**15246. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-waiting list bħalissa fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għal kirurġija ġenerali, ortopedika, oftalmika, ENT, ġinekoloġija, kardjoloġika, pedjatrika u l-ispeċjalizzazzjonijiet l-oħra individwali? Jista' jgħid ukoll kemm persuni minn din il-lista huma Maltin u kemm huma barranin?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – INFERMIERA**

**15247. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni ġewwa l-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin, kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – TOBBA**

**15248. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' tobba u speċjalisti f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma Maltin u kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 202
31/01/2024

**INFIERMIERA BARRANIN**

**15249. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-infermiera ta' nazzjonalità mhux Maltija huma kapaċi jikkomunikaw sew bil-Malti u bl-Ingliż?

17/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li biex infermiera ta' nazzjonalità barranija jkunu jistgħu jaħdmu fis-servizz pubbliku, irid ikollhom ċertifikat tal-Ingliż jismu IELTS (International English Language Testing System) f'livell 6 jew ekwivalenti hekk kif stipulat fis-sejħa tal-applikazzjoni.

Barra minn hekk, huma obbligati wkoll li jttemmu b'suċċess mill-eżami fil-Basic Medical Maltese for the Healthcare Profession Part 1 tal-Università ta' Malta. Infermiera li ma jkunux kisbu dan iċ-ċertifikat fiż-żmien ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat. Min jonqos li jippreżenta, sa tmiem il-perjodu ta' prova, evidenza li għadda b'suċċess, dan jirriżulta f'terminu awtomatiku tal-kuntratt tax-xogħol.

Seduta 202
31/01/2024
**ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI - BORD TAL-PAROLE**

**15291. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rapport annwali mill-Bord tal-Parole ġiex preżentat skont is-subartikolu (4) tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi fis-sena 2023?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li dan ser ikun konkluż fi żmien qasir.

Seduta 202
31/01/2024

**ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI - RAPPORT ANNWALI**

**15292. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għaddiex għandu r-rapport annwali għas-sena 2023 skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15291.

Seduta 202
31/01/2024

**ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRICI - PAROLE DOSSIERS**

**15293. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreparati Parole Dossiers *ai termini* tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatrici matul is-sena 2023?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kien hemm tnejn u erbgħin (42) dossiers li ġew ippreparati u preżentati fis-sena 2023.

Seduta 202
31/01/2024

**ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRICI - OFFENDER ASSESSMENT BOARD**

**15294. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew diskussi u ppreparati *ai termini* tal-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, rapporti mill-Offender Assessment Board matul is-sena 2023?

17/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li saru tnejn u erbgħin (42) rapporti mill-Offender Assessment Board fis-sena 2023.

Seduta 202
31/01/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – XOGĦOL**

**15307. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9185, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender għal manutenzjoni estensiva tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa nħariġx? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar dan it-tender u jekk dan ġiex aġġudikat? Jekk le, jista' jgħid meta hu mistenni li jinħareg dan it-tender?

18/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 202
31/01/2024

**SELMUN PALACE HOTEL – PJAN BIEX TIĠI ŻVILUPPATA MILL-ĠDID**

**15308. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan tal-Gvern fir-rigward tas-Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa, u jekk hemmx ħsieb li din il-binja tinbiegħ sabiex din tiġi żviluppata mill-ġdid?

18/01/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 202
31/01/2024

**ILTIEMA - BENEFIĊĊJI**

**15349. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li qed jibbenefikaw mill-allowance ta' ltiema?

19/01/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li skont l-aħħar pagament li sar f'Jannar 2024, huma 5 persuni li qegħdin jibbenfikaw mill-allowance tal-iltiema.

Seduta 202
31/01/2024

**EMENDI GĦAL-LIĠI DWAR IL-BOUNCERS U L-UFFIĊJALI PRIVATI TAS-SIGURTÀ**

**15350. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għal dak li qal il-Ministru għall-Ġustizzja fil-Parlament, fejn meta ġie mistoqsi jekk għandux il-ħsieb li jemenda l-liġi dwar il-bouncers u uffiċjali privati tas-sigurtà huwa wieġeb li jekk ikollu talba għal dan, huwa lest li jikkollabora, jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jagħmel l-emendi neċessarji u jekk hux ser jagħmel talba lill-Ministru tal-Ġustizzja biex jagħmel dan?

19/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Korp tal-Pulizija fl-aħħar snin alloka iżjed riżorsi u kif ukoll qed jopera b'modus operandi differenti msejjaħ 'intelligence-led policing' fiż-żoni l-aktar iffrekwentati bħalma hu Paceville. Filfatt skond l-aħħar rapport ippublikat, kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' kriminalità marbuta ma' ġrieħi f'San Ġiljan. Filfatt ir-rata kienet l-anqas f'25 sena (teskludi s-snin tal-pandemija – 2020 u 2021).
Minkejja dan il-Gvern jibqa' miftuħ għal kull tip ta' riforma jew investiment.
Sadanittant, investiment importanti li ser ikun qed isaħħaħ is-sigurtà f'dawn iż-żoni u kif ukoll jgħin lil-Korp tal-Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom hu dak imħabbar fil-budget għal din is-sena, hekk kif il-LESA se tkun qed tinvesti fi proġetti teknoloġiċi, inkluż kameras tas-sigurtà mqabbdin mal-kamra tal-kontroll tal-LESA u l-Pulizija, sabiex iservu bħala detterent u kif ukoll permezz tagħhom tkun tista' tittieħed azzjoni kontra kull tip ta' kriminalità u/jew abbuż. Dan huwa meqjus mod effettiv kif jinżammu għajnejn kontinwi fuq dawn il-persuni u persuni oħrajn li jkunu f'din iż-żona. B'rabta ma' dan diġa' għaddej xogħol preparatorju u qed isiru d-diskussjonijiet ma' stakeholders importanti.

Seduta 202
31/01/2024

**LIĊENZJI TA' BOUNCERS**

**15351. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li għandhom liċenzja ta' bouncer? Jista' jgħid kemm hawn aġenziji li jipprovdu dan is-servizz u jipprovdi elenku tagħhom? Jista' jgħid ukoll meta kien l-aħħar li l-Pulizija għamlet verifika biex tara li kull minn qiegħed jaħdem f'dan il-qasam, huwa liċenzjat?

19/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi hawn mija u hames (105) persuna li għandhom liċenzja ta' bouncer, filwaqt li n-numru ta' aġenziji li għandhom liċenzja li jħaddmu/jagħtu s-servizz ta' bouncers f'Malta huma tnejn u tletin (32), kif jidher fit-tabella hawn taħt. Infurmat illi biex jiġi zgurat li gwardjani privati li joffru servizz f'postijiet tad-divertiment ikunu liċenzjati, jsiru verifici kontinwament mill-pulizija bħala parti mir-rutina u responsabilitajiet tagħhom, biex jinfurzaw il-liġijiet u jippreservaw l-ordni pubbliku

| | |
|---|---|
| 1. | Safetrust Security |
| 2. | J.F Security and Consultancy Services Ltd |
| 3. | G4S Security Services (Malta) Ltd |
| 4. | G4S Security Services Ltd |
| 5. | Security Services Malta Ltd |
| 6. | Oscar 7 Security |
| 7. | Khiron Security Ltd |
| 8. | Kerber Security Ltd |
| 9. | Global Security Services Ltd |
| 10. | Kavallieri Security Services Ltd |
| 11. | Executive Security Services Ltd |
| 12. | Protection Services (Malta) Ltd |
| 13. | Security First services Ltd |
| 14. | OZO Security Services Company Ltd |
| 15. | Signal 8 Security Services Malta Ltd |
| 16. | S.O.S.Secutiy Ltd |
| 17. | I.Q.Security |
| 18. | Goldguard Security services Ltdd |
| 19. | Proforce 1 Security Malta Ltd |
| 20. | Total Management Solution Company Ltd |
| 21. | TacticalSecurity Pro. Ltd |
| 22. | Professional Security Services Ltd |
| 23. | JK Security Ltd |
| 24. | CAMC Security Ltd |
| 25. | Crowd Safety Management Ltd |
| 26. | Blue Border Holdings Ltd |
| 27. | Kerber ES Limited |
| 28. | La Vallette Outsource limited |
| 29. | R.Cauchi Ent Ltd Agency |

| | |
|---|---|
| 30. | Adler Security Services |
| 31. | Special Intervention Security |
| 32. | Malta Elite Services Limited |

Seduta 202
31/01/2024

**PULIZIJA – TIĠDID TA' LIĊENZJI GĦAL ARMI TAN-NAR**

**15352. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux il-ħsieb li jitlob lill-Pulizija li meta jkun hemm applikazzjoni għal tiġdid ta' liċenzja ta' arma tan-nar, l-applikant ikun mitlub li jipprovdi ċertifikat li m'għandux problemi ta' saħħa mentali jew mard/kundizzjonijiet oħra li jistgħu jwasslu biex jabbuża minn din il-liċenzja?

19/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li għal kull minn jitlob liċenzja taħt l-Att dwar l-armi, il-Pulizija titlob biex ma l-applikazzjoni jinġieb ċertifikat mediku li juri li persuna li qed tapplika, kapaċi li żżomm u tuża arma. Issir verifika jekk kienx ħati ta' xi reati kriminali jew jekk jaqax taħt xi wieħed mis-sitwazzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Kap 48, tal-liġijiet ta' Malta. Sussegwentament l-applikant jitla għat-test quddiem il-Weapons Board, li jeżamina l kapaċita tal-persuna li żżomm u tuża l armi. Il-Bord wara jibgħat rakkomandazzjoni lill pulizija u f'każ ta' riżultat pożittiv, tkun tista toħroġ liċenzja. L-applikant ikun jeħtieg li jippreżenta kopja tal-membership ma għaqda rikonoxxuta għal dan il-għan, kif ukoll polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni. Il-Korp huwa dejjem miftuħ sabiex ikompli jsaħħaħ din l-analiżi. Għaldaqstant inbeda proċess intern ta' kif din l-analiżi tista tkun imsaħħa, inkluż bl-għajnuna ta' professjonisti oħrajn.

Seduta 202
31/01/2024

**DAWL TAT-TOROQ - SPEZZJONIJIET**

**15353. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk isirux spezzjonijiet matul il-lejl sabiex jiġi assigurat li d-dwal tat-toroq ikunu mixgħula? Tista' tgħid ukoll x'inhi r-raġuni li diversi żoni bħal parti kbira mill-Wardija, Triq Ta' Ġiorni ġewwa San Ġiljan u parti minn Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar (iż-żona tar-roundabout), fost oħrajn, ilhom mitfija għal diversi ġimgħat?

19/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li spezzjonijiet matul il-lejl isiru regolarment mit-tekniċi tal-Enemalta. Fir-rigward tal-ilmenti msemmija dwar iż-żoni indikati fil-Wardija u San Pawl il-Baħar ninsab infurmata li l-ħsarat kienu kkawżati minħabba l-maltemp u riħ qawwi li għamel u ttieħdet azzjoni dwarhom. Fil-każ ta' Triq Ta' Giorni f'San Ġiljan instabu ħsarat f'lampa li rriżulta li ġiet installata rregolarment u kienet qed taffettwa lampi oħrajn fl-inħawi. Għaldaqstant, din il-lampa ġiet skonnettjata filwaqt li l-Kunsill Lokali kien notifikat biex jirregolarizza l-installazzjoni tagħha.

Seduta 202
31/01/2024

**NAXXAR - TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA - ROTOT TAL-LINJA**

**15354. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14507 dwar rotot tal-linja li jaqdu lir-residenti ta' Triq il-Fortizza, Naxxar, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mappa li turi minn fejn tgħaddi kull rotta msemmija fl-istess tweġiba?

19/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mappa li turi minn fejn jgħaddu rotot 49, 103 u 260 hekk kif indikat fir-risposta għall-mistoqsija parlamentari numru 14507 u li joperaw fuq rotot kif isegwi:

• Rotta 49 topera bejn l-Għadira u il-Belt Valletta,
• Rotta 260 topera bejn il- Għargħur u il-Belt Valletta via l-Isptar Mater Dei,
• Rotta 103 topera bejn Pembroke u il-Mosta.

Seduta 202
31/01/2024

**GĦAWDEX - TEATRI**

**15382. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ippjanat li ż-żewg teatri ġewwa Għawdex jingħataw aktar baġit mis-sena l-oħra għall-organizzazzjoni tal-opri ġewwa Għawdex?

19/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li bħalissa għaddej proċess biex l-iskema li jibbenefikaw minnha ż-żewġ teatri ġewwa Għawdex tiġi ristrutturata.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DIRETTORAT TAT-TURIŻMU**

**15383. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-miżuri u l-inizjattivi li ser jittieħdu mid-Direttorat tat-Turiżmu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex jiġu attirati turisti ta' kwalità ġewwa Għawdex?

19/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku- b'kollaborazjoni ma' diversi entitajiet, fosthom l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu – għaddej b'ħidma biex jippromwovi lil Għawdex bħala destinazzjoni distinta biex jiġu attirati turisti ta' kwalita'. Kien għal din ir-raġuni li wara 10 snin inħasset il-ħtieġa li jsir *re-branding* ta' VisitGozo. Dan huwa kkumplimentat ma' diversi kampanji li se jsiru din is-sena, fuq bażi B2C, tramite promozzjoni diġitali. Apparti hekk, bħalissa għaddejja ħidma B2B biex jitħejjew kampanji fi swieq li jagħmlu sens għal Għawdex, abbażi l-konnettività, l-għarfien, il-profili u demografiji li jassimilaw mal-prodott turistiku Għawdxi. Min-naħa l-oħra, id-Direttorat tat-Turiżmu se jerġgħa jniedi għadd ta' skemi li jinċentivaw lill-privat biex jinvesti aktar fil-prodott turistiku tiegħu. Dawn l-iskemi huma;

1. Supporting the Adventurous Tourism Industry in Gozo through Hiring Equipment Refund Scheme;
2. Supporting Marketing Initiatives for the Accommodation Sector in Gozo;
3. Restoring and Upgrading Venues with the Capacity to Host MICE Events in Gozo 2024;
4. Supporting Marketing Initiatives For Specific Niche Markets In Gozo 2024

Apparti hekk, għaddejja kollaborazzjoni ma' organizzjoni internazzjonali biex Għawdex jospita attivita' kulturali, artistika u sportiva li se ġġib magħha 'l fuq minn 600 ruħ minn Franza u l-Isvizzera. Dawn l-attivitajiet jimmitigaw l-istaġjonalità ta' Għawdex.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - SEJĦIET GĦAL ALLIED HEALTH PROFESSIONAL (OCCUPATIONAL THERAPY)**

**15406. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru, matul l-aħħar sitt xhur ħariġx sejħiet għal Allied Health Professional (Occupational Therapy)? Jekk iva, jista' jgħid jekk wieħed mill-kriterji sabiex tikkwalifika għal dan ix-xogħol kinitx li trid tkun Third Country National? Jekk iva, kemm kien hemm Maltin li applikaw, iżda minħabba li kienu Maltin ma kkwalifikawx għal dan ix-xogħol?

22/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab informat li f'dawn l-aħħar sitt (6) xhur, il-Ministeru (Saħħa) ħareġ żewġ sejħiet għall-Allied Health Professional (Occupational Therapy). Waħda mis-sejħiet kienet miftuħa għall-applikanti Maltin kif ukoll Ewropej u l-oħra kienet għall-applikanti li huma Third Country Nationals. Din ta' l-aħħar inħarget għax ma kienx hemm biżżejjed applikanti fl-ewwel sejħa. Qed jiġi kkjarifikat li skont ir-regolamenti l-applikanti tal-ewwel sejħa jiġu ngaġġati b'mod indefinit. Filwaqt li l-applikanti għall-sejħiet għal Third Country Nationals jiġu ingaġġatti b'mod definit. Iż-żewġ applikanti Maltin li applikaw fit-tieni sejħa ma'kienux eliġibli skont il-kriterji tas-sejħa.
Ninsab infurmat ukoll li dalwaqt ser tinħarreġ sejħa oħra li jkunu jistgħu japplikaw għaliha.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15426. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15427. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

22/01/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmata li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15428. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Ġejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15429. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations. Infurmat ukoll li tali eżerċizzju jaqbeż l-advisory cost.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15430. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

22/01/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gven għal kull Procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.
Gejt infurmat li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Intepellant, tinqabeż l-advisory cost.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**15431. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

22/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Infurmata li sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 202
31/01/2024

**STORBJU AMBJENTALI**

**15464. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx limiti stabbiliti mill-Awtorità kompetenti fir-rigward tal-istorbju ambjentali *ai termini* tad-direttiva 2002.49.EC?

23/01/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-limiti u valuri applikabbli huma allineati mad-direttiva imsemmija.

Seduta 202
31/01/2024

**STORBJU AMBJENTALI**

**15465. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid jekk hemmx limiti stabbiliti mill-Awtorità kompetenti fir-rigward tal-istorbju ambjentali *ai termini* tad-direttiva 2002.49.EC?

23/01/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 202
31/01/2024

**MEDIĊINA BLINATUMOMAB**

**15479. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-mediċina bl-isem 'Blinatumomab' li tintuża għall-kura tal-kanċer hix liċenzjata biex tingħata ġewwa pajjiżna? Jekk iva, jista' jgħid liema pazjenti qegħdin jingħataw din il-mediċina? Jekk le, jista' jgħid hemmx ħsieb li din il-mediċina tiġi liċenzjata biex tingħata ġewwa pajjiżna?

23/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li il-mediċina bl-ingredjent attiv 'Blinatumomab' hija lliċenzjata b'mod iċċentralizzat mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini. B'dan il-mod hija aċċessibli minn kull pajjiż Ewropew.

Seduta 202
31/01/2024

**MARSAXLOKK - TRASPORT BIL-FREJGATINA**

**15548. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Avviż Legali 117/2014 - Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali, huwiex qed jiġi applikat għat-trasport bil-frejgatina bit-turisti mill-Bajja ta' Marsaxlokk u jekk hux qiegħed jiġi infurzat fir-rigward tad-distanzi rikjesti bil-liġi?

24/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Avviż Legali 117/2014- Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti Kummerċjali, qed jiġi applikat fejn għandu x'jaqsam trasport bid-dgħajjes bit-turisti u passiġġieri mill-Port ta' Marsaxlokk. Ir-regolamenti qed jiġu ukoll infurzati fir-rigward tad-distanzi rikjesti bil-liġi, fejn hu possibbli u fejn l-ispazju bejn irmiġġ u ieħor jippermetti il-bejgħ tas-servizz.
Madanakollu, inżid li peress li ma hemmx qbil mill-operaturi kollha għal dak li għandu x'jaqsam mal-post tal-bejgħ, l-imbark u l-iżbark ta' dan is-servizz, l-Awtorità tat-Trasport għaddejja b'diskussjonijiet mal-partijiet u operaturi kollha konċernati u involuti sabiex tinstab soluzzjoni komuni u dejjiema għal dan l-operat kummerċjali relattivament ġdid.

Seduta 202
31/01/2024

**L-IMĠARR, MALTA – ĊIMITERJU - MANUTENZJONI**

**15549. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Fid-dawl li għal numru ta' drabi tlabt biex isiru l-manutenzjonijiet meħtieġa fiċ-ċimiterju tal-Imġarr (Malta), dan wara li ilu f'din il-qagħda prekarja għal aktar minn tliet snin, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-qagħda ta' dan iċ-ċimiterju?

24/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi wara li saru diversi sejħiet, l-offerta ġiet aġġudikata u sar il-ftehim tal-kuntratt mal-kuntrattur magħżul.

Ix-xogħol ser ikun jista' jibda meta joħorġu il-permessi mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni u jingħata l-permess mis-sid tal-għalqa ta' biswit iċ-Ċimiterju għax xi xogħlijiet iridu jsiru minn hemm. Imbgħad il-kuntrattur ikollu perjodu ta' għaxar ġimgħat biex ilesti tax-xogħlijiet.

Seduta 202
31/01/2024

**SENA 2023 – SPEZZJONIJIET MID-DIPARTIMENT TAL-ANIMAL WELFARE**

**15550. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet f'Malta mid-Dipartiment tal-Animal Welfare matul is-sena 2023?

24/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2023 saru 1,081 spezzjonijiet f'Malta mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 202
31/01/2024

**ANIMAL WELFARE – TRATTAMENT MHUX XIERAQ TAL-ANNIMALI – PASSI LEGALI**

**15551. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ittieħdu passi legali mill-Animal Welfare fuq trattament mhux xieraq tal-annimali matul dawn l-aħħar tliet xhur? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'dan ir-rigward?

24/01/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar 3 xhur u cioe' minn Novembru 2023 s'issa nħarġu ħames (5) kwereli u multa amministrattiva waħda.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS**

**15552. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn Lulju u Ottubru 2023?

24/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 13751.

Seduta 202
31/01/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS**

**15553. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista bid-dettalji tad-direct orders li ħarġu l-entitajiet jew l-awtoritajiet li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħu fil-perjodu bejn April sa Diċembru 2023?

24/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 202
31/01/2024

**GOZO CHANNEL - RABA' VAPUR**

**15558. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15358, jista' l-Ministru jagħti time frame sa meta l-pjan li jinxtara r-raba' vapur ġdid tal-Gozo Channel ser iseħħ?

24/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li għall-aħħar ta' din is-sena il-kumpanija tkun tista' tħabbar il-viżjoni tagħha għal futur inkluż it-triq 'il quddiem fuq ir-raba' vapur.

Seduta 202
31/01/2024

**SPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX - CHIEF NURSING MANAGER**

**15559. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Chief Nursing Manager fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex?

24/01/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħalissa ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hemm Acting Chief Nursing Manager.

Seduta 202
31/01/2024

**KAŻ TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAS-SEWQAN**

**15576. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex stabbilit kemm kien l-ammont ta' liċenzji tas-sewqan li ngħataw b'mod preferenzjali jew irregolari b'rabta mal-każ tal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan li dwaru hemm proċeduri l-Qorti? Jista' jgħid ukoll jekk ġewx identifikati liema kienu l-persuni li ngħataw dawn il-liċenzji b'mod preferenzjali jew irregolari?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi ghal mistoqsija parlamentari 15575.

Seduta 202
31/01/2024

25/01/2024

**PATCHING BIL-KONKOS**

**15652. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy dwar patching bil-konkos li qed jingħata f'ħafna postijiet fejn jitqattgħu trinek jew isiru xi xogħlijiet u li jitħalla hekk xhur sħaħ, jekk mhux aktar? Jista' jgħid ukoll hemmx xi obbligu legali li dan jiġi asfaltat, u jekk hemm xi obbligi simili, kif u min jinforzahom?

26/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta toħroġ permessi bil-kundizzjoni ta' 'reinstatement skont it- Trenching Excavation guidelines li jinsabu fuq is-sit uffiċċjali ta' Transport Malta.

Seduta 202
31/01/2024

**SITI TA' PATRIMONJU DINJI TAL-UNESCO - SITI LI KIENU FUQ IT-'TENTATIVE LIST'**

**15669. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema mis-seba' siti li kienu fuq it-'Tentative List' tal-UNESCO fl-1998 ġew innominati biex jingħataw rikonoxximent bħala Siti ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO mill-2018, meta l-Ministru nieda l-proġett? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn is-siti?

26/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi ghat-twegiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 15668.

Seduta 202
31/01/2024

**PATRIMONJU KULTURALI - PROĠETT TAL-INVENTARJU NAZZJONALI**

**15670. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fejn wasal il-proġett tal-inventarju nazzjonali ta' patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli u jgħid kemm tpoġġew siti, oġġetti, eċċ. fuq dan l-inventarju mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jipprovdi lista komprensiva maqsuma bejn patrimonju kulturali tanġibbli u dawk intanġibbli, kif ukoll skont it-tipoloġiji?

26/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-proġett tal-Inventarju Nazzjonali għadu għaddej u dan anke in vista tal-fatt li Malta hija mogħnija b'patrimonju rikk u estensiv.

Mis-sena 2018 'l quddiem sar investiment ġdid fl-Inventarju Nazzjonlali, sew fejn tidħol teknoloġija, kif ukoll riżorsi umani.

Fis-sena 2021, is-Sovrintendenza iffirmat 'Enterprise Agreement' mal-kumpannija ESRI sabiex l-inventarju jkun ibbażat fuq Sistema ta' GIS. Dan il-ftehim issa ġie inkorporat mal-ftehim il-ġdid li l-Gvern Ċentrali ffirma mal-kumpannija ESRI.

Is-siti tal-Inventarju li kienu ngabru sal-2014 kellhom jiġu vverrifikati kollha kemm huma minħabba li nstab li kien hemm ammont konsiderevoli ta' żbalji, partikolarment fil-koordinati ġeografiċi, iżda anke f'dettalji oħra.

Mis-sena 2018 'l quddiem ittieħdet ukoll id-deċiżjoni li l-Inventarju jingħata xeħta aktar wiesgħa u s-sejbiet arkeoloġiċi kollha ma jibqgħux jiġu mistura, iżda bdew jiġu ppublikati fuq l-istess pjattaforma tal-Inventarju.

Fis-sena 2022 reġa' ġie ippubblikat l-Inventarju mill-ġdid wara li saru l-korrezzjonijiet neċessarji għal total ta' 2,490 sit (ara d-dokument Lista A hekk kif imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) u għall-ewwel darba ġew ippubblikati s-sejbiet arkeoloġiċi għal total ta' 2,300 sit, u li issa jammonta għal total ta' 3,176 sit (ara d-dokument Lista B hekk kif mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra). F'Diċembru 2023 żdiedu 48 sit ġdid (ara d-dokument Lista C hekk kif imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) u dan filwaqt li fil-ġimgħat li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati 9 siti oħra.

Seduta 202
31/01/2024

**PATRIMONJU KULTURALI - TFASSIL TAD-DOKUMENT TA' POLITIKA DWAR PROTEZZJONI**

**15671. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fejn wasal it-tfassil tad-dokument ta' politika ta' kif għandhom jiġu protetti siti u oġġetti ta' patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli li tpoġġew fuq l-inventarju nazzjonali?

26/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jispeċifika fis-sezzjoni 'Preliminarja' it-tifsira ta' Patrimonju, liema tifsira tinkludi patrimonju tanġibbli u intanġibbli.

Infurmat ukoll li abbażi ta' din it-tifsira, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tevalwa proprjeta/siti/ogġġetti jekk humiex ta' valur kulturali jew le.

Filwaqt li infurmat li l-ġbir tal-Inventarju Nazzjonali huwa wieħed mill-obbligi tas-Sovrintendenza hekk kif stabilit f'Artikolu 7(5) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-metodu ta' kif jinġabar l-inventarju huwa wkoll stabilit fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, preċiżament f'artikolu 53.

Seduta 202
31/01/2024

**APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP– SKOPERTI ARKEOLOĠIĊI**

**15672. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fid-dawl li l-Awtorità tal-Ippjanar din il-ġimgħa, ssospendiet lill-PA/03174/23 biex titlob informazzjoni mingħand is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar skoperti arkeoloġiċi fuq il-post, madankollu, l-istess Awtorità tal-Ippjanar tat tiġdid ta' applikazzjoni preċedenti (PA/03678/23) fuq l-istess footprint ġimagħtejn ilu, jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza waqqfitx ix-xogħlijiet b'rabta ma' dak il-permess, jew jekk is-Sovrintendenza hux ser tippermetti lill-iżviluppatur ikompli x-xogħlijiet fuq il-bażi tal-permess PA/03678/23 bis-sogru li jinqerdu aktar fdalijiet – u għar taħt l-art – anke waqt li jidħol f'konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni mhux deċiża fuq l-istess footprint?

26/01/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 202
31/01/2024

**APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP– SKOPERTI ARKEOLOĠIĊI**

**15673. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li l-Awtorità tal-Ippjanar din il-ġimgħa, ssospendiet lill-PA/03174/23 biex titlob informazzjoni mingħand is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali dwar skoperti arkeoloġiċi fuq il-post, madankollu, l-istess Awtorità tal-Ippjanar tat tiġdid ta' applikazzjoni preċedenti (PA/03678/23) fuq l-istess footprint ġimagħtejn ilu, jista' l-Ministru jgħid jekk is-Sovrintendenza waqqfitx ix-xogħlijiet b'rabta ma' dak il-permess, jew jekk is-Sovrintendenza hux ser tippermetti lill-iżviluppatur ikompli x-xogħlijiet fuq il-bażi tal-permess PA/03678/23 bis-sogru li jinqerdu aktar fdalijiet – u għar taħt l-art – anke waqt li jidħol f'konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni mhux deċiża fuq l-istess footprint?

26/01/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali illi l-istess Sovrintendenza waqqfet ix-xogħolijiet kollha li jistu jitwettqu taħt il-permess PA/03678/23 kif ukoll PA564/18 sakemm tingħata l-informazzjoni kollha lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Seduta 202
31/01/2024

**PROĠETTI KAPITALI PPJANATI**

**15674. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti kapitali kbar li hemm ippjanati għas-sentejn li ġejjin?

26/01/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Dak tal-lum huwa l-iktar gvern li qed jalloka fi spiża kapitali u dan biex ikompli jimmodernizza kull settur.
Fil-fatt, fil-ħames snin qabel il-pandemija l-ispiża kapitali tal-Gvern kienet 3.3% tal-ġid nazzjonali. Dan meta l-medja taż-Żona Ewro kienet 2.7%. Mill-2019 'l hawn nfaqna medja ta' 4%. Dak kontra medja ta' 3.1% madwar iż-Żona ewro.
Din hija darba u nofs ir-rata ta' investiment kapitali li seħħet taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista.
Intant, fid-dekasteru li jien responsabbli għalih Infrastructure Malta sew tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur. Dan wara li fl-aħħar snin tlestew proġetti li għamlu differenza kbira. Għalhekk se nibqgħu nieħdu deċiżjonijiet li ħaddieħor evita b'mod konvenjenti.
Fis-sentejn li ġejjin ser nibqgħu ambizzjużi biex inkomplu jew nibdew inwettequ proġetti infrastrutturali fit-toroq, inkluż dawk residenzjali, u proġetti marittimi.
Fost oħrajn għandna pjanat li nkomplu għaddejjin bil-ħidma f'parti oħra minn Triq Sant'Andrija, din id-darba bejn il-junctions ta' Triq Normandy u Triq Villa Rosa; nwessgħu il-proġett Shore-to-Ship (fil-parti tan-Nofsinhar tal-Port il-Kbir), inkomplu naħdmu fuq il-Buġibba Breakwater u l-proġett ta' riklamazzjoni fil-Port il-Kbir (Ras Ħanżir) li bih ser jiġi ffurmat moll ġdid għall-merkanzija b'tul ta' madwar 360 metru. Dan ser isaħħaħ l-effiċjenza tal-Port, bl-awtoritajiet marttimi ser jingħataw iktar flessbilita' biex jużaw mollijiet oħra fl-istess żona u għalhekk ikabbru l-kapaċità operattiva ta' dan il-port tant essenzjali għal pajjiżna.

Seduta 202
31/01/2024